# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO
## ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL

**Illum it-Tlieta, 31 ta’ Awwissu, 2021.**

**Rikors numru 66/21/2 ISB**

**Wara l-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju numru 898/2020 fl-ismijiet**

**Michele Peresso Limited (C 6469)**

**v.**

**John Sammut u Mark Sammut**

**Il-Qorti:**

1. B’rikors preżentat fis-27 ta’ Jannar 2021 ir-rikorrenti Sammut (sekwestrati) talbu lill-Qorti sabiex skont l-Artikolu 836(1)(f) tal-Kap. 12 thassar il-mandat ta’ sekwestru numru 898/2020 fl-istess ismijiet li inhareġ fil-21 ta’ Lulju 2020, kif ukoll tħallas penali skont l-Art. 836(8) tal-istess liġi u danni (Artikolu 836(9)).

2. Il-kumpanija intimata (sekwestranti) ma weġbitx.

3. B’digriet mogħti mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Kummerċ) fit-8 ta’ Ġunju 2021, ordnat li r-rikors jintbagħat lil din il-Qorti peress li l-kawża 23/2020 li pproponiet Michele Peresso Limited għall-jedd pretiż minnha, kienet pendenti quddiem din il-Qorti.

4. Dakinhar stess li l-intimata ppreżentat ir-rikors għall-ħruġ ta’ mandat ta’ sekwestru (20 ta’ Lulju 2020), ippreżentat kawża[1] dwar allegat *fraudulent trading* (Art. 315 tal-Att dwar il-Kumpaniji) li wettqu l-aħwa Sammut fir-rigward tal-kumpanija De Tigne Limited.

5. B’sentenza tal-lum, din il-Qorti kkonfermat is-sentenza li tat l-ewwel Qorti li b’sentenza tal-25 ta’ Frar 2021 laqgħet l-eċċezzjoni preliminari li dik il-kawża kienet improponibbli peress li kien għad m’hemmx ordni ta’ xoljiment u stralċ tal-kumpanija De Tigne Limited.

6. Ovvjament minħabba s-sentenza li ngħatat illum, m’huwiex iktar ġustifikat li jinżamm fis-seħħ il-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju numru 898/2020. Il-jedd pretiż li ssemma fil-mandat ta’ sekwestru hu proprju dak li jissemma fil-kawża 23/2020 ċioe` l-azzjoni ta’ *fraudulent trading* ippreżentata flimkien mal-mandat kawtelatorju.

[1] 23/2020 Michele Peresso Limited v. John Sammut et.

7. Għalkemm ir-rikorrenti jsostnu li t-talba għall-ħruġ tal-mandat ta' sekwestru *".... saret b'malizja u ma kienet xejn għajr att vessatorju fil-konfront tal-esponenti"*, dan ma jirriżultax mill-atti tal-kawża 23/2020 fl-ismijiet Michele Peresso Limited v. Joseph Sammut et. L-attriċi hi kreditriċi tal-kumpanija De Tigne Limited għal eluf ta' euro li mad-daqqa ta' għajn jidher li m'għandhiex likwidita` biex tħallas id-dejn. Saru allegazzjonijiet serji kontra s-sekwestrati fosthom li:-

i. Fis-sena 2014 ħarġu mill-kumpanija iktar minn miljun euro u li kien biss fit-13 ta' Ġunju 2017 li ddikjarat dak il-fatt fir-Reġistru tal-Kumpanniji.
ii. Ma saret l-ebda riżerva għall-pretensjoni tas-sekwestranti minkejja d-deċiżjoni tat-Tribunal tal-Arbitraġġ tat-22 ta' Jannar 2014 li kkundannaha tħallas lis-sekwestranti s-somma ta' €211,978 u fuq il-parti sostanzjali ta' dik is-somma jgħaddi imgħax minn dakinhar.

8. Minħabba kwistjoni proċedurali l-kawża proposta mis-sekwestranti ma kinitx proponibbli. B'daqshekk ma jfissirx li m'għadx għandha pretensjoni kontra s-sekwestrati.

9. Għal dak li huma penali, il-Qorti ma tqisx li hemm iċ-ċirkostanzi sabiex tikkundanna lis-sekwestranti biex tħallas penali skont Art. 836(8) tal-Kap. 12 iktar u iktar meta m'hemmx prova li l-mandat kawtelatorju wassal għal xi konsegwenza negattiva għall-aħwa Sammut.

10. L-istess għal dak li jirrigwarda d-danni pretiżi mir-rikorrenti minħabba l-ħruġ tal-mandat kawtelatorju, m'hemmx prova li l-aħwa Sammut sofrew xi ħsara minkejja li ppremettew li ċaħħadhom mill-użu tal-kontijiet bankarji.

Għal dawn il-motivi tilqa' l-ewwel talba u tħassar il-mandat ta' sekwestru 898/2020 fl-ismijiet Michele Peresso Limited v. John Sammut et, b'dan li tiċħad it-talba għall-penali u danni.

Spejjeż jinqasmu nofs bin-nofs bejn il-partijiet.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr